**QORTI ĊIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMĦALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel., Mag. Jur. (Eur. Law)**

**Illum, 11 ta' Awwissu, 2023**

Rikors Numru: 294/23 AL

A B C

vs

D E

(M.R. Numru 890/2014)

Il-Qorti;

Rat ir-rikors li ġie kkonfermat bil-ġuramentat mir-rikorrenti li permezz tiegħu espona:

1. Il-kontendenti żżewġu fl-għaxra (10) ta' Mejju tas-sena elfejn u erbatax (2014) ġewwa il-parroċċa ta' San Pawl, Hal-Safi, Malta (Dok 'A').

2. Miż-żwieġ tal-kontendenti ma twieldu l-ebda ulied.

3. Il-kontendenti nfirdu personalment in forza tal-att pubbliku datat l-għaxra (10) t' Awwissu tas-sena elfejn u wieħed u għoxrin (2021), in atti tan-Nutar Dottor Robert Bisazza, li ġie insinwat fl-ewwel (1) ta' Settembru tal-elfejn u wieħed u għoxrin (2021) (Dok. 'B').

4. B'hekk, illum il-kontendenti ilhom ma jgħixu flimkien għal aktar minn sena u nofs u ma jeżisti ebda prospett ragionevoli ta' rikonċiljazzjoni bejniethom.

5. Illi, permezz ta' klawżola numru 4 tal-kuntratt ta' separazjoni personali msemmi iktar l' fuq, il-Partijiet iddekadew mid-dritt tagħhom li jirċievu manteniment mingħand xuxlin u għaldaqstant l-ebda manteniment m'hu dovut bejniethom.

6. Għaldaqstant, ir-rekwiżiti imposti mil-Artikolu 66B tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta jinstabu ampjament sodisfatti.

7. Il-kontendenti huma domiciljati Malta u dejjem kienu ordinarjament residenti ġewwa Malta.

8. L-esponenti jikkonferma l-kontenut ta' dan ir-rikors bil-ġurament tiegħu permezz tal-Affidavit immarkat bħala Dok C'.

Talab lill-intimata tghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex:

1. Tippronunzja d-divorzju, ossia, l-hall taż-żwieġ ikkontrattat bejn il-partijiet;

2. Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi żmien minnha stabbilit, javża lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jiġi debitament registrat fir-Registru Pubbliku.

Rat id-dokumenti kollha li ġew esebiti;

Rat id-digriet tagħha tas-26 ta' Mejju 2023;

Semgħet lill-intimata debitament assistita u prezenti fl-awla, fuq domanda tal-Qorti twieġeb li m'għandha l-ebda oġġezzjoni li jintlaqgħu t-talbiet kontenuti fir-rikors promotur;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi il-Qorti rat illi ir-rikorrenti irnexxielu jissodisfa ir-rekwiziti kollha meħtieġa mill-Liġi sabiex żwieġ jiġi maħlul u dana peress illi ipprova illi ilhom legalment separati sa mill-10 ta' Awwissu, 2021;

Illi l-Qorti rat illi r-rikorrenti ipprova ukoll illi ma hemm l-ebda prospett raġonevoli ta' rikonċiljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' ħlas ta' manteniment;

Għaldaqstant, u għar-raġunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qegħda tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-ħall taż-żwieġ bejn il-partijiet u tordna lir-Reġistratur tal-Qrati sabiex, fi zmien għaxart ijiem millum, javża lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jiġi reġistrat fir-Reġistru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqgħu bla taxxa bejn il-partijiet.

Il-Qorti takkorċja t-terminu tal-appell għal erbat ijiem.